


# L-Istatwa Titulari tagħna

**Randolph Scerri**

L-istatwa titulari li għandna llum hija t-tielet statwa titulari. Qabel din li għandna llum kellna tnejn oħra li għandna nżommuhom b'tant għożża. Din li għandna llum waslet fil-parroċċa tagħna eżattament nhar it-30 ta' Novembru tal-1985. Hija statwa verament artistika u kienet ġiet mogħtija lilna mill-Arċikonfraternita` tal-Kunċizzjoni tal-Belt Valletta. Din l-istatwa ġiet ordnata mill- Arċikonfraternita' f'Ottubru tal-1902. L-istatwa nħadmet mid-ditta Rosa Zanazio & Co. ta' Ruma fl-1903. Din kienet maħduma fuq il-mudell tal-artist Spanjol Estaban Murillo u hija maħduma kollha kemm hi bil-kartapesta Rumana. It-tul tagħha hu ta' 180 cm u kienet swiet madwar 612-il lira Taljana, somma kemmxejn kbira għal dak iż-żmien.

L-istatwa waslet Malta s-sena ta' wara, eżattament fit-3 ta' Diċembru. Ħaġa interessanti ħafna kien il-fatt illi qabel waslet Malta, l-istatwa kienet ittieħdet il-Vatikan sabiex hemmhekk ġiet imbierka mill-Papa Ljun XIII. Mal-wasla tagħha, l-Arċisqof Pietro Pace kien mistieden biex imur jaraha fl-Oratorju tal-Arċikonfraternita'. Dan seħħ nhar id-9 ta' Diċembru 1903 u hawnhekk l-istess Arċisqof kien talab quddiemha u kien ikkonċeda 40 jum indulġenza lil kull min jgħid l-Ave Marija quddiemha.

Din l-istatwa ngħatat lill-parroċċa tagħna wara li l-kappillan ta' dak iż-żmien, il-mibki Dun Manuel Agius kien sar jaf li l-Arċikonfraternita` tal-Kunċizzjoni tal-Belt Valletta kellha statwa żejda tal-Kunċizzjoni. It-talba formali għaliha kienet saret fis-16 ta' Novembru tal-1984. Wara sena ta' trattativi u laqgħat, nhar it-30 ta' Novembru tal-1985 saret iċ-ċerimonja tat-trasferiment fil-Knisja Parrokkjali, b'kuntratt quddiem in-nutar Gużeppi Cachia, il-mistednin distinti u l-parruċċani.

Fl-1988 l-istatwa titulari saritilha l-induratura ġdida mis-Sur Horace Farrugia u anki pedestal ġdid xogħol il-mastrudaxxa Agius. Aktar tard saritilha ukoll bradella ġdida maħduma mis-Sur Mangion tal-Ħamrun, raġġiera mid-ditta Aquilina u mant aktar adattat minn ta' qablu flimkien ma' sett fjuretti u girlanda tal-ganutel. Tlett snin ilu saru wkoll żewġ puttini għall-mall mant sabiex b'hekk nistgħu ngħidu li hija armata minn kollox.

Biss wara l-festa tas-sena 2010 nħass il-bżonn li terġa ssir induratura ġdida lill-pedistall tagħha peress li dan kien wasal sewwa sabiex jerġa jsir. Il- Madonna wkoll kellha xi ħsarat fil-libsa tagħha u għalhekk ġie mqabbad Horace Farruġia tal-Imdina (l-istess induratur li kien għamel l- induratura fl-1988) sabiex jerġa jdurha mill-ġdid. L-ispiża għal din l-induratura ser tiswa madwar 6,500 ewro. Filwaqt li qed nikteb dan l-artiklu, ilkoll kemm aħna qegħdin nistennew bil-ħerqa li nerġgħu nilqgħu lura din il-ġawrha tagħna li hija tant u tant għal qalb il- Parruċċani kollha Ħamrunizi. Il-Vara mistennija li terġa tirritorna lura nhar is-Sibt 25 ta' Ġunju fejn fost l-entużjażmu ser issir quddiesa fis-6.30pm ta' filgħaxija li għaliha huma mistiedna l-parruċċani kollha b'mod speċjali dawk li jġiebu l- istess isem ta' Marija Immakulata.

Inħeġġeġ lil kulħadd sabiex jattendi għal din il-quddiesa li biha niftħu l-festa tant għażiża tagħna. Nattendu bi ħġarna ħalli nerġgħu nisimgħu dik is-sejħa flimkien.

Min hi dik li riesqa, bħal ma jersaq iż-żerniq ta' filgħodu, sabiħa bħal qamar u tiddi bħax-xemx.

Narakom u nixtieqilkom il-Festa t-Tajba,

***Viva Marija Immakulata Omm il-Ħamrunizi Kollha***

